MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 6/2011

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u disgha u disghin (1999) u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg immarkat Dok. A.

Illi matul iz-zwieg ma twieldu l-ebda ulied.

Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi

u mohqrija kommessi mill-konvenut kontra l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.

Illi in oltre, il-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibli minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru.

Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma sehhitx u dan kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok. B.

Ghaldaqstant, il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi D u B minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi, kommessi mill-konvenut kontra martu l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, oltre dan, minhabba illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibli minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta’ Malta fis-shih jew parzjalment b’dan illi jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila tal-attrici u dan minn data illi tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ikun ta lok illi ssir din is-separazzjoni.

Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f’zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali.

Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta’ Malta s-sentenza eventwalment moghitja minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, l-intimat ghazel li ma jwegibx ghall-kawza u lanqas deher ghas-smiegh.

Rat id-dokumenti.

Rat l-affidavit.

Semghet ix-xhud viva voce.

Ikkunisdrat illi bil-provi prodotti minnha, ir-rikorrenti rnexxielha tipprova dak li allegat. Hija tixhed hekk:

"*Jiena zzewwigt lil C D 0049071 (M) fl-20 ta' Ottubru 1999 fir-Registru Pubbliku ta' Malta.*

*L-gherusija kienet qasira hafna ta' ftit xhur u ma nistax nghid li kont sirt nafu.*

*Jiena mill-ewwel isseparajt b'mod de facto minn mal-konvenut peress li konna sejrin hazin hafna. Kien qabad il-hajja tal-kriminalita' u kien diehel u hiereg il-habs u jiena ma ridtx nibqa' nghix f'dik il-hajja. Kien aktar ghamel zmien il-habs milli ghexna taht saqaf wiehed.*

*Jiena ma ghandix tfal minn zewgi. Lanqas biss ippruvajna ghax jiena ma ridtx.*

*Jiena minn dejjem kont nahdem. Kuntrarjament zewgi qatt ma hadem u ghalhekk m'hiniex nippretendi manteniment minghandu. Qatt ma tani u lanqas irrid xejn minghandu ukoll jekk xi darba jibda jahdem.*

*Jista' jkun li zewgi ghamel xi djun peress li diehel u hiereg fil-facilita' korrettiva ta' Kordin, pero' b'dawn id-djun jiena ma nafx u ghalhekk jekk ghamel xi djun, ghandu jkun responsabbli ghalihom hu. Jiena dejn ma ghandi ma hadd ghaliex dejjem qghadt bil-ghaqal u jekk ma jkollix flus ma nixtrix.*

*Jiena nixtieq li tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti. Ahna llikwidajna kollox meta konna separati de facto u ghalhekk*

*ma hemm xejn li ghadhom komuni bejnietna, la kontijiet bankarji, la deheb u lanqas karozzi.*

*Il-gid parafernali jinsab fil-pussess taghna.*

*Jiena qatt ma ghamilt l-ebda testment ma' zewgi. Kull ma rrid huwa li nisseparaw bil-Qorti.*"

Il-Maggur John Mary Camilleri fix-xhieda tieghu moghtija viva voce pprezenta kopja tal-pedina penali tar-ragel li turi bla dubju in-natura ta' hajja li dejjem ghex zewgha.

**Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba tortijiet imputabbli lir-ragel;

2. Tilqa' t-tieni talba u tapplika kontra l-intimat id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili;

3. Tilqa' t-tielet talba u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'dana illi kull parti thallas id-djun maghmula minnha;

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba;

5. Tilqa' l-hames talba.

L-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------